HAL BALZAN

IT-TIENI SENA Nru. 8 — LEHEN IL-KUNSILL ĊIVIKU — NOVEMBRU/DIĊEMBRU 1972

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN

(8) IL-KNEJJES IŻ-ŻGHAR TA' HAL BALZAN

— Minn DUN ĠWANN DIMECH —

IL-KNISJA TA' S. ROKKU (ikompli)

Min jara llum din il-Knisja, għad li l-istat tal-kostruzzjoni tagħha hu deterjorat, jgħid li kellu raġun l-Isqof Balaguer meta ħalla nota sabiħa dwar din il-Knisja fir-relazzjoni tiegħu tal-Viżta li kien għamel lil din il-Knisja nhar it-2 ta' Mejju 1637, meta qal li: "Din il-Knisja ta' Santu Rokku hi sabiħa ħafna u deċenti". (1)

L-Artal

L-artal ta' din il-Knisja ta' Santu Rokku kien mill-ewwel magħmul tal-ġebel. Dan nafuh mill-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Mons. Balthassar Cagliares tat-28 ta' Novembru 1615, fejn igħidilna li l-artal hu tal-ġebel u li qiegħed taħt ħnejja maqtugħa għaliha. (2) L-Isqof Balaguer fil-Viżta tas-6 ta' Marzu 1646 igħidilna li l-artal hu tal-ġebel u żied igħid li dan l-artal hu maqtugħ għalih mill-bqija tal-Knisja permezz ta' għadd ta' balavostri tal-ġebel ukoll. (3) Illum dawn il-balavostri m'għadhomx hemm.

Dan l-artal kellu ventartal tat-tila mpitter, sitt gandlieri u salib. (4) Mill-Viżti l-oħra jidher ċar li dan l-artal dejjem kien miżmum tajjeb għaliex l-Isqfijiet kull darba qalu li ma kien jonqsu xejn.

Il-Kwadru ta' Santu Rokku

L-ewwel tagħrif dettaljat dwar il-Kwadru ta' Santu Rokku nsibuh fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali li għamel lil din il-Knisja l-Isqof Cagliares, nhar it-28 ta' Novembru 1615. Dan l-Isqof jgħidilna li dan il-Kwadru fih impittrin ix-xbihat ta' Santu Rokku, ta' San Pawl Appostlu, u ta' San Bastjan. (5) Dan il-Kwadru jiġbor fih il-qaddisin li l-qima li kellhom il-Maltin lejhom kienet qed tiżdied u tixtered mal-gżira kollha. Il-Balzanin ma baqgħux lura li jnisslu fihom din id-devozzjoni. Minn dak li diġà rajna drabi oħra, il-Balzanin kienu għażlu, bħall-maġġoranza tal-Maltin, li jiddedikaw il-Knejjes tagħhom lil Marija Santissma. Insemmu l-Knejjes ta' l-Annunzjata, dik tat-Twelid ta' Marija, u l-oħra ta' Santa Marija. Issa din id-darba f'dan il-Kwadru riedu, flimkien ma' Santu Rokku, idaħħlu d-devozzjoni lejn l-Appostlu Missierna San Pawl u lejn San Bastjan li kien magħżul ukoll wieħed mill-protetturi ta' l-impestati. Tant hu hekk li sa ftit ilu kienet isir proċessjoni li kienet saret bħala wegħda u li kienet toħroġ mill-Kattidral ta' l-Imdina u tibqa' sejra sal-Knisja ta' San Bastjan li qiegħda fi triq il-Buskett, ir-Rabat. Din il-Knisja kienet inbniet fl-1519. Il-proċessjoni kienet issir nhar l-20 ta' Jannar, festa ta' San Bastjan, u kienet issir bħala radd il-ħajr lil dan il-Qaddis wara l-pesta tal-1519. (6)

Quddiem il-Kwadru ta' Santu Rokku, kien jinxtegħel il-Lampier kull nhar ta' Sibt u fil-festi. (7)

Il-Festa ta' Santu Rokku

Il-Festa ta' Santu Rokku kienet issir b'solennità nhar il-Festa tal-Qaddis li taħbat l-għada ta' Santa Marija, fis-16 ta' Awwissu. Kien isir l-Għasar tal-festa u warajh kien jitqassam l-ikel għall-fqar tal-parroċċa. Kienet issir Quddiesa Kantata. Biex jistgħu jsiru dawn il-funzjonijiet, kif ukoll biex jista' jinxtegħel il-lampier nhar ta' sibt u fil-festi, ħadu ħsieb sa mill-bidu tal-ftuħ tal-Knisja, żewġ Balzanin: Xmun Debono u Ġanni Hagius, li ħallew 12-il tari fis-sena. (8)

Biex din il-Festa tkun aktar solenni, kienet issir ġabra ħalli tista' ssir il-mixegħla. (9)

Nafu wkoll mir-reġistri parrokkjali li ġeneralment l-ispejjeż ta' din il-festa kienu jlaħħqu bejn skud u tmien tari u skud u għaxar tari. (10)

Kienet drawwa wkoll li l-Festa kienet tiġi ċċelebrata kemm jista' jkun mill-Kappillan. (11)

Il-Festa ta' San Bastjan

Il-Festa ta' San Bastjan, li kienet issir fil-Knisja ta' Santu Rokku, nhar l-20 ta' Jannar, insibuha msemmija l-ewwel darba fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Balaguer. Din il-Festa kienet tikkonsisti f'Għasar u Quddiesa Kantata. (12)

Fil-Viżta tas-26 ta' Settembru 1673, l-Isqof Laurentius Astiria jgħidilna li għall-Għosrien u għall-Quddies Kantat, fil-Festi ta' Santu Rokku u ta' San Bastjan, bdiet tħallas għalihom il-Knisja Parrokkjali. (13)

Il-Prokuraturi ta' din il-Knisja

L-ewwel Prokuratur ta' din il-Knisja kien Marju Mifsud, li dam prokuratur għal għoxrin sena.

Insibu prokuraturi oħra, bħal Gio Maria Frendo u Benedittu Borg, kif ukoll il-Qassis Dun Alwiġ Cauchi, Albino Borg, il-Kappillan Pietru Pawl Psajla, u Andrea Fenech.

Mill-Viżti Pastorali tal-1787 sal-1906 insibu li din il-Knisja kellha żminijiet meta kienet miżmuma tajjeb ħafna, speċjalment ġiet imfaħħra għall-indafa li biha kienet miżmuma. (14) U kien hemm żminijiet meta ġiet xi ftit traskurata; iżda qatt ma waslet fi stat li tiġi ddikjarata profanata. Dejjem instabu mezzi biex din il-knisja tkun restawrata kif jixirqilha. (15) Fl-aħħarnett, nittamaw li ma ndumux ma naraw lil din il-Knisja, ġawrha żgħira ta' arkitettura, restawrata, biex il-pubbliku jkun jista' jżur lil din il-Knisja mhux biss bħala monument storiku, iżda wkoll bħala lok ta' devozzjoni lejn il-Qaddis Santu Rokku.

Dan l-imkien ilu jilqa' fih il-fdalijiet ta' qrabatna u ħbiebna għal dawn l-aħħar 25 sena. Minn kemm ilu mwaqqaf, il-għadd ta' mejtin li ġew midfuna fiċ-Ċimiterju tas-Salib f'Hal Balzan kien ta' 432. Tul ix-xahar ta' Novembru, il-Balzanin kollha, u nies oħra li għandhom 'il xi ħadd għażiż għalihom midfun f'daħ il-post ma jonqsux li jroddu żjara lil dan iċ-Ċimiterju li, għalkemm żgħir, fih tassew dehra ħelwa u huwa miżmum tajjeb ħafna. Fir-ritratt, miġjub bil-permess tat-"Times of Malta", tidher iċ-ċerimonja tat-tberik taċ-Ċimiterju 25 sena ilu.

Referenzi:

1. BALAGUER M.J.: Visit. Past. fol. 247. — Ark. Arċiv.
2. CAGLIARES B.: Visit. Past. fol. 87. — Ark. Arċiv.
3. BALAGUER M.J.; Visit. Past. fol. 207. — Ark. Arċiv.
4. Ibid. M.S. Cit.
5. CAGLIARES B.: Visit. Past. fol. 87. — Ark. Arċiv.
6. BONNICI ART.: History of the Church in Malta Vol II p. 71.
7. GARGALLO T.: Visit. Past. fol. 223. — Ark. Arċiv.
8. Ibid. Op. Cit.
9. Liber 8 — Arkivju Parrokkjali.
10. Liber 26 — Ark. Parr.
11. Liber 11 — Ark. Parr.
12. BALAGUER M.J.: Visit. Past. fol. 147. — Ark. Arċiv.
13. ASTIRIA L.: Visit. Past. fol. 26. — Ark. Parr.
14. MATTEI F.: Visit. Past. fol. 289. — Ark. Arċiv.
15. Liber 26 — Ark. Parr.

MILIED IL-FQAJJAR

Ħarist lejn il-fqajjar
Miskin għeri jdur,
Ħarist lejn it-twajjeb
Mirfus u maħqur.

U lmaħt id kburija
Bq'alb sewda, azzar,
Titbissem ħajjiena,
Issaltan fl-imrar.

'Il bogħod ġewwa
Betlem
Hekk ġrat l-istess storja,
Bin Alla fi grotta,
Erodi fil-glorja.

'Ma war'elfejn sena
Taqlib ta' ġrajjiet,
Tkun rebħet l-imħabba
Tar-Re tar-rejiet.

M.S.

● LAQGHA GHAL KULHADD ● KULL NHAR TA'HADD ● minn membru tal-M.U.S.E.U.M. ● fil-KNISJA tal-LUNZJATA ● HIN — 7.00 p.m. ● TITLIFHOMX!

club

17, KINGSWAY, VALLETTA

THE EXCLUSIVE CENTRE FOR MENSWEAR

Editorjal

KORRISPONDENZA
FESTI NHAR TA' XOGĦOL

• Fil-Laqgħa Ġenerali tal-Kunsill Ċiviku — Balzan' ta' nhar l-Erbgħa, 4 t'Ottubru 1972, is-Segretarju qara rapport dettaljat dwar il-gazzetta "ĦAL BALZAN" tul l-ewwel sena tagħha. Fost ħwejjeġ oħra, is-Segretarju tkellem dwar il-korrispondenza. Huwa għamel appell għal iktar kitba fuq suġġetti diversi minn korrispondenti ġodda. Tabilħaqq, ix-xewqa tagħna hija li dejjem inkabbru u ngħollu l-livell ta' din il-gazzetta, inżewquha, u nagħmluha iktar interessanti għall-qarrejja tagħna. Biss, jeħtieġ li jkollna iżjed kontributuri li jagħtuna l-kitbiet tagħhom għall-pubblikazzjoni. Aħna nafu li Ħal Balzan mhuwiex nieqes minn nies imħarrġin fis-sengħa tal-kitba. Lil dawn inħeġġuhom sabiex imiddu idejhom u jagħtu sehemhom billi minn żmien għal żmien jagħtuna xi artikolu għall-istampa. Il-ħolma tagħna hija li jasal żmien li jkollna kitba biżżejjed li jkollna mnejn nagħżlu x'nippubblikaw.

Fl-istess ħin irridu nagħmluha ċara wkoll li mhux dejjem ikollna l-wisgħa meħtieġ sabiex inxandru dak kollu li l-korrispondenti tagħna jibagħtulna. Iżda dan m'għandux jaqta' qalb dawk li jkunu se jiktbu xi ħaġa. Żgur li, xi darba jew oħra, kull kitba li taslilna tiġi ppubblikata. Imma, naturalment, l-ewwel preferenza tingħata lil kitbiet fuq suġġetti attwali.

Nixtiequ nħeġġu wkoll lill-Każini u 'l-Għaqdiet l-oħra tal-Parroċċa sabiex igħarrfuna iżjed bil-ħidmiet tagħhom, u b'hekk inkunu nistgħu nagħtu tagħrif dwar dawn l-attivitajiet fuq il-gazzetta. Kif tistgħu tobsru, mhux dejjem ikun ħafif għall-Bord Editorjali li jiġbor kull nitfa ta' informazzjoni dwar kull ma jkun qed jiġri f'Ħal Balzan. Għalhekk, jeħtieġ li kulħadd igħin u jiġbed l-attenzjoni tagħna għal xi avveniment li forsi jkun għadda bla ma nkunu tajnieh l-importanza li tistħoqqlu.

• Din is-sena, il-Kappillan, flimkien mal-Kleru tal-Parroċċa, għamel esperiment fil-festi sekondarji ta' San Mikiel u tal-Madonna tar-Rużarju. Dawn iż-żewġ festi, li dejjem kienu jsiru nhar ta' Ħadd, din is-sena ġew iċċelebrati fil-jum li fih tiċċelebrahom il-Knisja, jiġifieri nhar id-29 ta' Settembru u nhar is-7 t'Ottubru rispettivament. Kif qal ir-Rev. Kappillan innifsu, dan kien esperiment; u għalhekk issa huwa l-waqt li nagħtu l-fehmiet tagħna dwar dan is-suġġett.

Aħna naqblu li, bħala prinċipju, festa għandha tiġi ċċelebrata fil-jum proprju tagħha. Nammettu li festa nhar ta' Ħadd forsi hija iktar sollenni; biss aħjar festa nhar ta' xogħol u jieħdu sehem fiha n-nies milli festa nhar ta' Ħadd bis-sehem ta' ħadd. Inħallu ftit il-festa tar-Rużarju li, anke meta kienet issir fl-ewwel Ħadd t'Ottubru, minn dejjem ġibdet għadd sabiħ ta' nies. Nitkellmu dwar il-festa ta' San Mikiel. Nistgħu ngħidu li l-esperiment kien suċċess; però hemm xi ħwejjeġ li jistgħu jittejbu. Aħna nixtiequ noffru xi suġġerimenti bit-tama li jkunu kkunsidrati.

Hija l-ideja tagħna li fil-quddies kollu tal-festa ssir omelija qasira dwar il-qaddis. Fil-għaxija, mbagħad, naħsbu li l-ħin tas-7.15 p.m. huwa tard għall-ħruġ tal-purċissjoni. Għalhekk nissuġġerixxu li l-quddiesa, flok issir fis-6.30 p.m. bħas-soltu, issir fis-6.00 p.m. (Żgur li mhix se taqa' d-dinja billi għal darba l-quddiesa ssir nofs siegħa qabel!) Jekk dan mhux possibbli, allura l-purċissjoni ssir qabel il-quddiesa u din tibqa' fil-ħin tagħha. Min-naħa l-oħra, iżda, jekk il-purċissjoni ssir qabel il-quddiesa, ikun kmieni wisq għall-ħaddiema li jkunu għadhom kemm ġew minn ġurnata xogħol.

Fl-aħħarnett nixtiequ nuru s-sodisfazzjon tagħna għas-sehem taż-żgħażagħ fil-purċissjoni: biżżejjed ingħidu li l-istatwa ta' San Mikiel intrefgħet biss miż-żgħażagħ. Ta' min iħeġġeġ ukoll 'il-pubbliku, b'mod speċjali lill-membri tal-Għaqdiet, sabiex jieħu sehem iktar attiv f'dawn il-festi li huma parti mill-kult estern li Ommna l-Knisja tagħti lill-Ħallieq permezz tal-Qaddisin tiegħu.

ĠRAJJIET TA' NIKET

MINN ANTON

QRAJNA FUQ LI QRAJNA F'DAWN L-AĦĦAR SNIN FUQ DIŻGRAZZJI TA' L-IMSEJKNA DILETTANTI LI ĦALLEW ĠILDHOM FI SPLUŻJONIJIET TA' DIVERSI KMAMAR TAN-NAR. IMSEJKNA!!

Iżda tafux li waħda mill-akbar ġrat proprju fir-raħal tagħna sewwa sew nhar il-Ħamis, 23 t'Ottubru, 1903, fit-tmienja ta' fil-għaxija?

Xi dilettanti tal-Każin kienu qed iħalltu xi kuluri; it-tubu tal-lampa kien il-ħtija li sploda kartell mimli bil-kulur u tar kollox fl-ajru. Minnufih instemgħet splużjoni qawwija li reggħdet mhux biss lil Ħal Balzan, iżda wkoll lill-irħula ġirien tagħna. Kien qed igħidli wieħed li dak iż-żmien kien tifel, id-daħna ħanqet ir-raħal kollu; ħasbuh l-aħħar tad-dinja.

Il-Każin kien sewwa sew bieb ma' bieb mad-dar tal-Kappillan, fi Triq id-Dritta. Il-Kappillan dak iż-żmien kien il-mibki Dun Amabile Sisner, li għalih issemmiet it-Triq li tgħaqqad Triq San Valentinu ma' Triq Idmejda.

Skond il-ktejjeb "Tifkira tal-Kommemorazzjoni tal-Għeluq il-75 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà 'Marija Annunzjata' f'Ħal Balzan", mitbugħ fl-Istamperija "Dar ta' San Ġużepp", il-Ħamrun, u maħruġ nhar il-Ħadd, 9 ta' Mejju 1965, insibu li ndarbu tnejn u erbgħin li minnhom mietu sitta. Dawn l-eroj ta' Ħal Balzan, li huma mfakkra b'lapida li tinsab iċ-Ċimiterju Tas-Salib, fi Triq il-Wied ta' Ħal Balzan, kif tidħol max-xellug, kienu:

VALENT DEBONO
TONI FALZON
PAOLO MUSCAT
PIO MUSCAT
GIUSEPPE MUSCAT u s-sinjorina CONCETTA SISNER, oħt il-Kappillan. Ftit wara, mietet bl-istess kaġun Lonza Muscat "Ta' Ġardina". 'Ta' Ġardina' kienu joqogħdu ma' l-istess ħajt, daqsxejn 'l isfel mill-Każin.

Ta' min jitħassarhom dawn il-patrijotti! Nixtieq li meta ngħaddu minn maġenb iċ-Ċimiterju, wara li nkunu għedna 'Requiem Eternam' għal qrabatna li jinsabu midfuna f'dan il-lok, nitnikkru sekonda oħra ħalli nlissnu talba oħra għal dawn l-eroj ta' Ħal Balzan. Nirrikmanda lil min huma nkarigati, ta' xi żmien, fit-23 t'Ottubru, jagħmlu quddiesa, b'suffraġju għal dawn l-erwieħ.

Imsejkna tassew kienu l-familjari tal-mejtin! Tifel ta' wieħed minn dawn il-patrijotti Balzanin irrakkontali m'ilux kemm batiet ommu sabiex tlaqqat biċċa ħobż għalih u għal ħutu. Dari ma kienx hemm pensjonijiet u ħwejjeġ oħra bħal dawn; meta kont issib ruħek lampa stampa, kont trid taqta' bi snienek biex tkampa. Imma l-Ħniena t'Alla hija kbira ħafna. Barra milli jsabbar, Alla dejjem lest sabiex jipprovdi mill-Provvidenza nfinita Tiegħu.

Għal din it-traġedja, is-Soċjetà Filarmonika 'La Valette' organizzat ġbir, flimkien ma' dak tar-raħal tagħna wkoll, sabiex igħinu lill-familji tal-vittmi u għall-funerali tagħhom stess.

Ikompli r-rakkont f'dan il-ktejjeb li l-Każin raġa' nfetaħ għas-Soċi nhar l-1 tas-sena 1904. L-ewwel President ta' wara d-diżgrazzja kien is-Sur Edwardo Borg u l-ewwel Segretarju kien is-Sur Valentino Callus.

Harsa oħra lejn il-lista tal-vittmi tad-diżgrazzja t'Ottubru 1903 turina li tlieta mill-mejtin kien kunjomhom MUSCAT. Għal min ma jafx, Muscat huwa l-aktar kunjom popolari f'Ħal Balzan. Saħansitra l-ewwel tarbija li tinsab irreġistrata fil-kotba tal-Magħmudija tal- Parroċċa, fl-Uffiċċju tal-Kappillan, kien sewwa sew Bernardino Muscat! Kulħadd jaf li l-isem l-aktar imsemmi ta' tfajliet u nisa f'Ħal Balzan hu, jew aħjar sa ftit tas-snin ilu kien, Lonza, jew bil-modern, Nancy; dak tas-subien Valent. Jaħasra dawn l-ismijiet taw lok għal oħrajn, xi wħud lanqas taf għal liema qaddis jew qaddisa huma, u b'hekk l-ismijiet tant għeżież għall-Balzanin ta' qabilna qed jonqsu qatigħ. Ftit għadek tisma' Lonzu jew Beli (qasir għal Gabrijiel) fi żmienna. Ħaġa ta' l-iskantament, meta tiltaqa' ma' Valent, Lonzu, jew Lonza f'raħal jew belt oħra ta' Malta ssib li jew il-missier jew in-nannu kien Balzani.

Fl-aħħar ħarġa, jekk tiftakru tajjeb, konna tkellimna fuq kif kien isir San Valentinu, u semmejna l-logħob tan-nar u l-vapuri u l-ajruplani tan-nar li kien jagħmel il-Patrakk. Illum, iżda, qbadna nota ta' swied il-

(jissokta f'paġna 3)

GABRIEL CARUANA
ARTIST BALZANI

META WIEĦED ISEMMI L-ARTI MODERNA, U L-AKTAR FEJN JIDĦLU SKULTURA U ĊERAMIKA, MA JISTAX IGĦADDI BLA MA JAGĦTI L-GIEH MISTĦOQQ LILL-ARTIST BALZANI GABRIEL CARUANA, LI ISMU ELUM XTERED MHUX BISS MA' MALTA IMMA WKOLL MA' DIVERSI NHAWI FID-DINJA FEJN L-ARTI MODERNA FIRXET IL-GĦERUQ TAGĦHA.

Gabriel Caruana twieled Ħal Balzan fis-7 t'April 1929 minn Anton u Beatrice, imwielda Ebejer Micallizzi. Huwa studja l-arti fil-"Malta Government School of Art", u aktar tard fl-'Accademia Pietro Vannucci' f'Perugia. Huwa ssokta l-istudji tiegħu wkoll f'Detroit u fl-'Istituto Statale per la Ceramica' ta' Faenza. Is-Sur Caruana, li huwa membru fil-"Malta Society of Arts", kellu diversi esibizzjonijiet tax-xogħlijiet tiegħu, fosthom waħda fil-Mużew Nazzjonali



fl-1969 u oħra fil-'Mazaron Art Galleries'. Huwa ħa sehem ukoll f'diversi wirjiet ta' l-arti barra minn Malta — f'Londra, Faenza, Cervia, New York, Munich, Edinburgh, Milan u wkoll fil-Padiljun Malti ta' l-"Expo 70", il-Ġappun. Ħafna mix-xogħlijiet tiegħu llum jinsabu f'diversi mużej u kollezzjonijiet privati.

Dis-sena, Gabriel Caruana ħa sehem fil-"XXX Concorso Internazionale della Ceramica d'Arte" li sar f'Faenza bejn Lulju w Ottubru. Huwa esebixxa tliet xogħlijiet (li tnejn minnhom jidhru fir-ritratt) li ġew magħżula minn ġurija internazzjonali magħmula, fost oħrajn, minn Dr. Comm. Vito Agresti, Direttur Ġenerali ta' l-Antikitajiet fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni f'Ruma, Prof. Hans de Jong, ċeramista Olandiż, Dr. Bredo L. Grandjean, li jieħu ħsieb il-Mużew "China Royal Manifacture" ta' Copenhagen, id-Danimarka, u oħrajn.

Il-ħila ta' Gabriel Caruana fil-qasam artistiku ta' l-iskultura tidher aħjar meta nżommu quddiem għajnejna li Caruana huwa wieħed mill-esponenti bikrija ta' l-arti moderna Maltija. Ikollna ngħidu li l-gżejjer tagħna, minkejja l-wirt artistiku kbir u għoli li jibda minn żminijiet preistoriċi u jibqa' nieżel għall-perijodu Biżantin u dak Barokk, baqgħu maqtugħin kważi għal kollox mill-movimenti ta' l-arti li ġabu bidla mill-għeruq fil-pittura u l-iskultura fil-pajjiżi tal-Punent. Kien wara l-aħħar Gwerra Dinjija, u l-aktar bid-dħul f'Malta ta' għadd ġmielu ta' turisti u residenti barranin wara l-kisba ta' l-Indipendenza, li l-artisti Maltin bdew jinħallu ftit ftit mill-imgħoddi u jimirħu f'oqsma ġodda ta' arti kontemporaneja. Hawn jispikka Gabriel Caruana fil-qasam skulturali. Biss, Caruana ma waqafx hawn. Huwa baqa' jaħdem u jesperimenta sakemm irnexxielu jevolvi stil għalih li jagħmel minn Caruana artist oriġinali imma fl-istess ħin Malti (ara l-'essay' ta' A.C. Sewter — G. Caruana).

Dan jidher ċar mill-aħħar esibizzjoni li ħa sehem fiha Caruana, dik ta' "Atelier '56" fil-Mużew Nazzjonali. F'din il-wirja, huwa esebixxa 'basso rilievo' taċ-ċeramika magħmul minn 13-il biċċa li huwa sejjaħ "Relief". Din il-biċċa xogħol tassew artistika turi 'l Caruana fl-aqwa tiegħu bħala l-esponent ewlieni ta' l-arti astratta. La semmejna l-"Atelier '56", ma nistgħux ma nsemmux ukoll il-pittur magħruf Antoine Camilleri, li joqgħod ukoll Ħal Balzan, u li 'l quddiem beħsiebna nitkellmu fuqu aktar fid-dettal. F'din l-esibizzjoni, Camilleri kellu għall-wiri pittura msejħa "Persjani, ħasira u ..." li fiha rnexxielu joħroġ l-element karatteristiku Malti tajjeb ħafna.

Aħna nifirħu liż-żewġ artisti u, filwaqt li nawgurawlhom suċċessi akbar, inħeġġuhom sabiex jissuktaw jagħnu 'l-arti moderna Maltija b'xogħlijiet oħra. Fl-istess ħin nittamaw li l-poplu Malti jibda jifhem u japprezza aktar l-arti moderna ta' pajjiżu.

STARLETS
284, HIGH STREET, BALZAN
STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS, NEWSPAPERS AND CIGARETTES
Telephone: 41644

Il-Milied it-Tajjeb lil Kulħadd



IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

Illum xtaqt inkellimkom fuq id-dmirijiet tagħna reliġjużi u ċiviċi, anzi aħjar fuq l-armonija li għandu jkun hemm fina bejn dawn id-dmirijiet. Għaliex il-bniedem huwa magħmul minn ruħ u ġisem, huwa fid-dmir li jibża' għalihom it-tnejn, u li jipprova jagħmel kulma jista' biex littnejn jagħtihom dak li jeħtieġu biex jilħqu l-iskop tagħhom: il-hena f'din id-dinja u t-tgawdija għal dejjem fissema.

Biex igħinu lill-bniedem jilħaq dan l-iskop hemm żewġ awtoritajiet, żewġ soċjetajiet, it-tnejn perfetti, għaliex ittnejn għandhom il-mezzi kollha meħtieġa biex jaqdu l-missjoni tagħhom: il-Knisja u l-Istat. Huma jagħtuna l-għajnuna li semmejna permezz ta' l-istruttura tagħhom: il-mexxejja tagħhom, il-liġijiet miktuba u mhumiex, l-istituzzjonijiet edukativi, l-eżempji ta' dawk ta' qabilna fiż-żewġ soċjetajiet, u ħwejjeġ oħra. Min-naħa tagħna, jekk irridu nkunu membri denji tagħhom, għandna noqogħdu għat-twissijiet ta' l-awtoritajiet, nobdu l-liġijiet u ngħinu lil ħaddieħor jobdihom, nitgħallmu u nedukaw ruħna mill-aħjar li nistgħu skond il-possibiltajiet tagħna, u nimxu fuq l-eżempji sbieħ ta' kuraġġ u kooperazzjoni li writna minn għand missirijietna.

Fuq l-imġiba tagħna bħala nsara lejn dawn iż-żewġ soċjetajiet, il-Konċilju jgħid dan li ġej: "Mill-istess pjan ta' salvazzjoni jitgħallmu l-fidili jagħżlu tajjeb bejn drittijiet u dmirijiet li fuqhom huma mposti kemm bħala parti mill-Knisja, kif ukoll bħala membri tas-soċjeta' umana. Ifittxu li jqegħduhom f'armonija, waqt li jiftakru li f'kull ħaġa temporali għandhom ikunu mmexxijin minn kuxjenza nisranija, għaliex l-ebda attivita' umana, anqas fil-ħwejjeġ temporali, ma għandha toħroġ barra mill-kmand ta' Alla. Fi żmienna hu mill-aktar meħtieġ li din id-distinzjoni u din l-armonija jidhru bil-mod l-aktar ċar possibbli fil-manjera kif jaġixxu l-fidili, sabiex il-missjoni tal-Knisja tista' aktar tikkorrispondi bis-sħiħ mal-kondizzjonijiet partikolari tad-dinja moderna. Kif, infatti, wieħed għandu jirrikonoxxi li l-belt tad-dinja, minħabba li hi mogħtija għall-kura tal-ħwejjeġ sekolari, hi mmexxija mill-prinċipji tagħha, hekk għall-istess raġuni, hi miċħuda d-duttrina falza li tipprova tibni s-soċjeta' mingħajr ma tqis ir-reliġjon, u li teħodha kontra u twaqqa' l-liberta' reliġjuża taċ-ċittadini". (Lumen Gentium, n 36).

U f'postijiet oħra, f'diversi Dokumenti Konċiljari, nsibu listess ħsibijiet, b'insistenza partikolari fuq il-kooperazzjoni tal-lajċi kattoliċi fil-ħidmiet temporali ta' l-Istat, u fuq t-tfassil ta' l-attivitajiet tagħhom kollha b'kuxjenza tassew nisranija. Dawn huma l-linji li għandhom imexxuna bħala ċittadini u bħala nsara. Mill-ewwel żminijiet tal-Knisja l-insara kienu magħrufa bħala l-aħjar fost iċ-ċittadini. Nirsistu aħna wkoll, bil-mezzi li jagħtina t-twemmin tagħna, biex 'nikkristjanizzaw' l-ordni temporali, billi "nagħtu lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari u lil Alla dak li hu ta' Alla".

THE ROYAL STUDIO
133, OLD THEATRE STR.
VALLETTA - MALTA
Phone 25123 Est. 1913

WEDDING & PARTY PHOTOS
by appointment

Sole Malta Agents for
FUJI PHOTO FILM CO. LTD.

ROKNA GĦAT-TFAL

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Irrid ngħidilkom mill-ewwel li ħadna pjaċir ħafna bit-tweġibiet tagħkom, għalkemm stennejna li numru ikbar ta' tfal jieħdu sehem fil-Kompetizzjoni. Kif rajtu, il-kompetizzjoni ma kenitx tqila; u min ma bagħatiex żgur li mhux għax ma kienx jafha. Min ħa sehem fil-kompetizzjoni wera li jieħu interess fil-gazzetta 'ĦAL BALZAN'. Nittama li din id-darba jkollna għadd ikbar ta' tfal li jibagħtulna t-tweġibiet tagħhom.

Għal din id-darba, għandkom seba' mistoqsijiet li għandhom x'jaqsmu mal-festa kbira li dalwaqt magħna u li, jiena żgur, intom diġà bdejtu tħejju ruħkom għaliha — il-Milied. Kull ma għandkom tagħmlu huwa li tagħtu t-tweġibiet ta' dawn il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. **Min beda d-drawwa sabiħa li jintrama' l-presepju għal żmien il-Milied?**
2. **Taf tgħidli min kien dak li hawn Malta ta bidu għall-purċissjoni, jew dimostrazzjoni, bil-Bambin tal-Milied?**
3. **Liema annimal (jew tajra) huwa l-ikla karatteristika għal nhar il-Milied?**
4. **Liema profeta fir-Rabta l-Qadima ħabbar li Kristu kellu jitwieled f'Betlehem?**
5. **Liema poeta Malti kiteb il-versi tal-għanja ħelwa tal-Milied "Ninni la tibkix iżjed"?**
6. **Fil-Quddiesa li ssir f'lejl il-Milied fil-knejjes tagħna, aħna l-Maltin għandna drawwa li hi proprju tagħna. Taf tgħidli x'inhi?**
7. **Min kien il-kittieb Ingliż li kiteb "A Christmas Carol"?**

Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'dan l-indirizz —

Is-Sur Carmel Bezzina,
11, Triq San Valentinu,
Ħal Balzan.

(Nota: Mat-tweġiba, tinsewx tniżżlu wkoll l-isem u l-indirizz, flimkien ma' bolla mhix użata ta' 2 ċenteżmi. Jekk ikun hemm aktar minn tweġiba waħda tajba, il-premju ta' nofs lira jittella' bil-polza. Għandkom żmien sas-Sibt, 23 ta' Diċembru, 1972).

It-tweġibiet tal-kompetizzoni ta' l-aħħar ħarġa huma: 1.*Valentinu;* 2. *Aurora;* 3. *Sisner;* 4. *Marzu;* 5. *Knejjes;* 6. *Ġonna;* 7. *Muscat;* 8. *Birkirkara.*

Il-kelma speċjali hija *LUNZJATA.*

Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni hija *Marlene Mifsud* li toqgħod 13, Triq San Valentinu, Ħal Balzan. Il-premju ta' nofs lira nieħdu ħsieb nibagħtuhulha.

Għeżież tfal,

Fil-ħarġa ta' Settembru/Ottubru, fl-ewwel kitba tiegħi lilkom f'din il-gazzetta, kont urejtkom kif l-imġieba tajba tagħkom speċjalment meta tkunu quddiem in-nies tista' sservi biex tagħti dehra mill-isbaħ lir-raħal tagħna.

Minħabba li din l-imġieba tajba tiġi spiss imgħallma fl-iskejjel tagħkom, illum ser niktbilkom ftit versi biex nurikom x'inhi l-iskola u x'ġid tistgħu tieħdu minnha.

Xi tfal iħarsu lejn l-iskola bħala ħabs li fih jiġu magħluqa għal sigħat twal tal-ġurnata biex ma jħabbtux 'l ommhom u biex isibu min iżommhom kwieti. Jiġri, għalhekk, li l-iskola ma jkunux iħobbuha u jkollhom seba' mitt sena biex tispiċċa halli joħorġu 'l barra. Jekk is-surmast ma jagħtihomx x'jaħdmu u x'jistudjaw id-dar tarahom joħorġu ferħana u jkantaw. Jekk jagħtihom x'jagħmlu u x'jistudjaw tarahom iqarrsu wiċċhom u joħorġu bin-nervi.

Għeżież tfal, bħalma l-papà tagħkom għandu l-post tax-xogħol fejn, sajf u xitwa, irid jew ma jridx, ikollu jmur jaħdem għalikom, hekk ukoll l-iskola hija l-post tax-xogħol tagħkom tul is-sena kollha, fejn fih tistgħu taħdmu b'moħħkom u b'idejkom biex titgħallmu dak li ma tafux. Meta xi missier ikun iħobb ifalli mix-xogħol għal xejn b'xejn aħna nsejħulu 'għażżien', u ngħidu sewwa. Hekk ukoll, tfal li għal kull ħaġa ta' xejn ifallu l-iskola jew ma jagħmlux il-'homework' tagħhom ikunu tfal għażżenin, tfal li ma jridux iħabblu ftit moħħhom biex jitgħallmu.

Spiss jiġri li tfal bħal dawn, meta jikbru, jindunaw kemm kienu boloh li ħadu pjaċir b'dawk is-surmastrijiet li ma kenux jagħtuhom x'jagħmlu għad-dar jew li kienu jħalluhom jagħmlu li jridu fil-klassi. Jaraw lil sħabhom li kienu jistudjaw, u li kienu joqogħdu attenti f'waqt il-lezzjonijiet, jakkwistaw l-aħjar impjiegi, ikunu ferm stmati min-nies, u bosta drabi rashom mistrieħa f'ħafna ħwejjeġ.

Hu veru, tfal, il-logħob jogħġobkom ħafna iżjed mill-istudju, imma tinsewx li bil-logħob biss meta tikbru ma taqilgħux x'tieklu u ma tibnux karattru ta' veri rġiel u ta' veri nisa. Jekk ma tidrawx minn issa tiċċaħħdu minn ftit logħob u minn ftit 'television' biex ikollkom iżjed ħin tistudjaw, jiġri li meta tikbru tindunaw li għarraqtu u ħassartu l-futur tagħkom. L-istudju hu xogħol u f'kull xogħol tidħol it-tbatija, imma wara x-xogħol jiġi l-ħlas li jferrħilna qalbna u jnessina dak kollu li nkunu batejna.

Għalhekk, tfal għeżież, tkunu qatt għażżenin u traskurati. Wara li tispiċċaw l-iskola qisu li tagħmlu bil-qalb il-'homeworks' tagħkom. Tħarsux lejn dawk it-tfal boloh li forsi ommhom jew missierhom ma jagħtux każ tagħhom u jħalluhom jiġġerrew minn triq għal oħra u jagħmluha ma' min iridu. Tibżgħux, għad tikbru u l-Bambin iħallaskom t a j j e b tal-il kontu tfal bravi, u l-barka Tiegħu tinżel fuqkom u jagħtikom futur sabiħ, ħajja ferħana, tkunu maħbubin u stmati minn kulħadd, u fuq kollox premju kbir fil-ġenna.

Nhar il-Ħadd, 12 ta' Novembru 1972, reġa' beda l-istaġun tat-Teatrin mill-'Balzan Stage Amateurs', fl-Aurora. Dan kien programm varjat sabiħ ħafna, wara li l-kumpanija kienet għalqet l-istaġun f'Mejju bis-"Sinjura l-Bajda ta' Fatima". F'dan il-perijodu, il-'Balzan Stage Amateurs' taw diversi programmi f'Mt. Carmel Hospital; Ħal Qormi; l-Isla; il-Kalkara; is-Siġġiewi, iż-Żurrieq u Ħal Għargħur. Il-kumpanija qiegħda tipprepara iżjed programmi għall-'Aurora' u Konkors fil-21 ta' Jannar fl-Imġarr.


(jaqbad minn paġna 2)

qalb. Mhux la kemm taqleb issuġġett! Sena minnhom, għal San Valentinu, sewwa sew dak tas-sena 1923, miet il-Kappillan Sisner! Id-dilettanti tan-nar, dawk li kienu se jaħarqu l-murtali miż-Żekkuk, kienu diġà fl-għalqa l-kbira lesti sabiex jisimgħu s-sinjal li beda l-marċ ħalli jibdew jaħarqu. Il-Banda ta' Sant'Indirja ta' Ħal Luqa kienet diġà lesta biex tibda l-marċi brijużi mat-toroq ta' Ħal Balzan x'ħin, f'ħabta u sabta, il-bnadar bdew jitniżżlu mezz 'asta. Kienet ġrat xi diżgrazzja oħra! Ġrew malajr għal Dun Franġisk (kien joqgħod quddiem fejn illum hemm is-Sala, maġenb tal-laħam) li laħaq il-Kappillan bil-ħniena. Miet il-Kappillan Sisner! L-għali tal-mewt t'oħtu u x'inkwiet dak in-nhar stess fil-għodu tawh ġewwa.

Il-Banda u n-Nar, kollox kif kien ser isir nhar San Valentinu, tħalla għal meta kellu jieħu l-pussess il-Kappillan ta' warajh, il-Wisq Rev. Mons. F.S. Zahra.

Il-Kappillan Sisner bkewh ħafna nies, l-aktar dawk il-foqra tar-raħal li kien ta' spiss idendlilhom f'idejhom sabiex huma jkunu jistgħu jlaħħqu mal-ħtiġijiet tagħhom ta' kuljum. Għal min ma jafx, il-Kappillan Sisner kien l-awtur ta' "Ward bla Xewk" li kienu joħorġu wieħed kull xahar. Irnexxielu, f'ħames snin, għall-ħabta tas-sena 1892, jaqleb għall-Malti "Mistica Citta' di Dio, Storia Divina e Vita Della Vergine Madre di Dio", miktuba mill-Venerabbli Suor Maria di Ġesù Badessa tal-Monasterju t'Agreda. Mhux ta' xejn issemmiet waħda mit-toroq tar-raħal għal warajh!

Bħal ma rajtu, is-silta tal-lum kienet fuq nota ta' qsim il-qalb. Fil-ħarġiet ta' qabel tkellimna fuq ħafna ward; kien imiss illum nitkellmu fuq ix-xewk ukoll. Għax kif jgħid il-qawl: 'L-isbaħ warda għandha l-akbar xewka!'



EDWARD BORG
(GIFT SHOP)
WHOLESALER
& RETAILER
57A, MERCHANTS STR., VALLETTA

NIFIRHU LIL ....

Din is-sena, il-Kumitat inkarigat mill-għoti tal-Midalja tal-Meritu għoġbu jagħżel, fost oħrajn, lill-Professur Ġuże' Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.), F.R.A.S. bħala wieħed mill-persuni li għandhom jirċievu dan l-unur aktar tard din is-sena. Din l-għażla hija ta' sodisfazzjon kbir għalina. L-ewwelnett, aħna nħossu li l-Prof. Aquilina jistħoqqlu tassew dan l-unur bħala turija ta' qima għall-ħidma tiegħu li wettaq u li għadu jwettaq b'risq l-ilsien Malti. Barra dan, il-ferħ tagħna ġej ukoll mill-fatt li kien il-'Kunsill Ċiviku — Balzan' li rrakomandah għall-għoti ta' dan l-unur. Għalkemm il-Prof. Aquilina m'għandux bżonn ta' introduzzjoni, għax huwa persuna magħrufa biżżejjed fil-gżejjer tagħna, kienet ħaġa xierqa li nxandru din l-intervista qasira għall-apprezzament tal-Balzanin kollha li llum iħossuhom kburin li l-Prof. Aquilina jingħadd wieħed mir-residenti ta' dan ir-raħal.

Il-Prof. Ġuże' Aquilina twieled il-Munxar, Għawdex, fis-7 t'April 1911. Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-Iskola Primarja ta' Sannat u fis-Seminarju ta' l-Isqof ta' Għawdex. Huwa ssokta l-istudji tiegħu fl-Universita' ta' Malta fejn iggradwa B.A. fl-1934 u tliet snin wara ħa l-lawrja ta' avukat (LL.D.). F'dik is-sena stess



PROF. Ġ. AQUILINA

(1937) huwa ġie maħtur Professur tal-Malti u Ilsna Orjentali fl-Universita' Rjali, ħatra li huwa għadu jżomm sal-lum. Fl-1940, il-Prof. Aquilina ħa l-Ph. D. mill-Universita' ta' Londra; fl-1963 ġie magħżul 'Fellow of the Royal Asiatic Society'. Dissena, huwa ġie magħżul għal darb' oħra Dekan tal-Fakulta' ta' l-Arti fl-Universita'. Il-Prof. Aquilina rrappreżenta lill-Universita' Rjali ta' Malta f'bosta kungressi u laqgħat ta' studju li saru barra minn Malta. Huwa wkoll membru ta' diversi kumitati u soċjetajiet, u f'ħafna minnhom huwa jokkupa karigi għoljin. Barra dan, huwa jinteressa ruħu bis-sħiħ fil-ħajja soċjali Maltija, u dan jixhdu s-sehem li huwa jieħu fid-diskussjonijiet diversi li jsiru u li jiġu mxandra permezz tar-'Rediffusion' u tat-TV.

Il-Prof. Aquilina huwa kittieb prolifiku ħafna, u l-pubblikazzjonijiet tiegħu huma ta' natura letterarja kif ukoll lingwistika. Ta' min isemmi r-rumanz storiku-soċjali "Taħt Tliet Saltniet", "Antoloġija: Dun Karm", "Il-Muża Maltija", "Il-Polz ta' Malta", "Studji Kritiċi Letterarji", id-dramm "Il-Bniedem li Ċaħdu", "Fit-Teatru", "Papers in Maltese Linguistics", "The Structure of Maltese", "A Comparative Dictionary of Maltese Proverbs", u xogħlijiet oħra.

Meta kellimna 'l-Prof. Aquilina u staqsejnieh x'kienet ir-rejazzjoni tiegħu hekk kif ħa l-aħbar li ġie mogħti l-Midalja tad-Deheb, huwa qalilna li r-rejazzjoni tiegħu kienet waħda ta' ferħ. Biss, li kieku ma ġietx offerta lilu, huwa ma kienx iħoss ruħu diżappuntat minħabba li, kif qalilna hu, l-esperjenza tal-ħajja dejjem għallmet li fid-dinja jkun aħjar li wieħed ma jistenniex unuri; għax meta wieħed jaħdem biex jikseb xi unur u mbagħad, għal xi raġuni jew oħra, ma jakkwistahx, x'aktarx li jitlef il-kuraġġ u b'hekk imur lura x-xogħol. Għalhekk, "naħdem biex inkun ħdimt, u qatt ma tħabatt għal unuri" — hekk qalilna l-Prof. Aquilina.

Għall-mistoqsija tagħna dwar x'jaħseb li kienet ir-raġuni li għaliha huwa ġie mogħti din il-midalja, il-Prof. Aquilina stqarr li huwa jaħseb li din ġiet mogħtija lilu għall-ħidma tiegħu għall-Malti. Biss, minkejja li isem il-Prof. Aquilina għal uħud huwa marbut biss mal-ilsien Malti, il-ħidma tiegħu ma tieqafx hawn. Huwa jinteressa ruħu f'dak kollu li hu Malti u jagħmel ħiltu kollha sabiex isir il-ġid fl-oqsma kollha tas-soċjeta' Maltija, kemm fil-qasam edukattiv, kif ukoll f'dak kulturali u ċiviku. U biex jilħaq dan il-għan ta' titjib fis-soċjeta' Maltija huwa jemmen bis-sħiħ fis-siwi tal-ilsien Malti bħala l-għodda ewlenija għax huwa lsien il-poplu l-mezz l-aktar effikaċi li bih tgħallem lill-istess poplu. Huwa l-ilsien Malti wkoll li lilna jagħtina l-identita' nazzjonali tagħna.

L-aħħar mistoqsija tagħna kienet dwar ir-raħal ta' Ħal Balzan li issa l-Professur ilu jgħammar fih għal dawn l-aħħar seba' snin. Huwa jħossu hieni ħafna li qiegħed igħix f'dan ir-raħal kwiet u arjuż. Huwa jqis 'il Ħal Balzan bejn belt u kampanja — għandu x-xeħta ta' belt minħabba l-ambjent pulit u nadif tiegħu, u għandu dik il-karatteristika tal-kampanja għall-arja safja

u friska li tiġi mill-ġonna mbaddrin tajjeb li bihom huwa mgħammar. Fil-fatt, il-Prof. Aquilina jħossu ferħan ħafna bil-ġnien li huwa għandu mad-dar tiegu u li fih jedha fil-ħin liberu tiegħu.

Aħna, f'isem il-'Kunsill Ċiviku — Balzan', nifirħu lill-Prof. Aquilina għall-għoti ta' dan l-unur, u għal din l-intervista li għoġbu jagħtina. Jalla dan l-għoti jiswa ta' eżempju tajjeb għaż-żgħażagħ u l-istudjużi Maltin sabiex iħabirku dejjem iżjed u fl-istess ħin iħossu li x-xogħol u l-ħidma tagħhom għall-ġid ta' Malta u dak kollu li hu Malti huma mweġġħa min-nies ta' pajjiżhom.

IL-MARDA TAZ-ZOKKOR

— mit-Tabib —

F'din it-tieni parti nixtieq niddiskuti l-komplikazzjonijiet u t-trattament ta' din il-marda serja.

Nies li jbatu minn din il-marda x'aktarx li jkunu jbatu minn infezzjonijiet iktar minn ħaddieħor. Il-mard tas-sider, l-infezzjonijiet tas-sistema urinarja, u t-traċni wieħed isibhom iktar komuni fin-nies dijabetiċi milli f'nies li ma jsofrux minn din il-marda. Id-dijabete tattakka wkoll il-vini u l-arterji, u l-iktar dawk tar-riġlejn, tal-għajnejn, u tal-kliewi. Minħabba f'hekk, insibu li nies li jsofru minn din il-marda jkollhom iktar ċans li jbatu minn gangrena ta' riġlejhom, mard tal-kliewi, jew ċertu mard tal-għajnejn, minn ħaddieħor li ma jkunx marid biz-zokkor. Id-dijabete tattakka wkoll l-arterji tal-qalb, u allura nies li jkollhom id-dijabete għandhom iktar ċans minn ħaddieħor li jimirdu b'qalbhom. Il-marda taz-zokkor tmiss ukoll in-nervituri tal-ġisem, u l-aktar dawk tal-periferija tal-ġisem, p.e. is-saqajn, l-idejn, eċċ.

Minħabba li d-dijabete tattakka n-nervituri wkoll, il-pazjent jista' jiżviluppa wġigħ, titrix, nuqqas ta' saħħa, eċċ., l-aktar fis-saqajn. Ukoll minħabba li ċeri nervituri jkunu ntmessu mill-marda, insibu li xi kultant dawn in-nies jbatu mid-dijareja, l-impotenza, pressjoni baxxa, eċċ. Il-ġilda tad-dijabetiċi hija delikata ħafna. Iktar minn ħaddieħor dawn in-nies jbatu minn diversi mard tal-ġilda. Xi kultant jaħkimhom ħakk kbir f'ġisimhom kollu jew f'xi parti minn ġisimhom. Il-għajnejn ukoll jintlaqtu minn din il-marda, u għalhekk insibu li l-katarretta u n-nuqqas ta' dawl huma iktar komuni fid-dijabetiċi milli f'nies b'saħħithom. Komplikazzjoni serja ħafna tad-dijabete hija l-kitosi, u bniedem li jasal f'dan l-istat jista' jintilef minn sensieh.

It-trattament tad-dijabete xejn mhu sempliċi, u jitlob mill-pazjent sagrifiċċji li xi kultant ikunu kbar. L-ewwelnett, id-dieta tagħmel tajjeb ħafna għal kull dijabetiku. Id-dijabetiku għandu jipprova jevita li jiekol ċerti affarijiet, fosthom iz-zokkor, il-'jam', il-kejkijiet, il-biskuttini, l-inbid, il-limonati, iċ-ċikkulata, eċċ. Ċertu ikel ieħor (ħobż, patata, frott, sopop, ħalib, eċċ.) wieħed għandu joħodhom biss b'moderazzjoni. Id-dijabetiku jista' jiekol kemm irid il-laħam, il-ħut, il-bajd, il-ġobon, it-tè, il-kafè, il-biċċa l-kbira tal-ħaxix, is-sopop ċari, eċċ. Ħafna mid-dijabetiċi jikkontrollaw il-marda bid-dieta biss, imma oħrajn ikollhom bżonn ta' ftit iktar għajnuna.. Dawn ikollhom bżonn jew ta' l-insulina jew inkella ta' pilloli li jniżżlu l-livell taz-zokkor fid-demm.

Kif wieħed jista' jara, din il-marda xejn ma hija taċ-ċajt, u jekk min ikun ibati minnha ma jagħtix każha tajjeb tista' wkoll tressqu malajr għall-qabar.

"IL-MIDALJA TAL-MERITU 1972"

Għall-ħames sena, il-Konfederazzjoni tal-Kunsilli Ċiviċi reġgħet tat il-Midalja tal-Meritu. Dan l-unur twaqqaf mill-istess Konfederazzjoni fl-1968 u jingħata lil persuni li jkunu wrew mertu speċjali jew li jkunu taw servizz eċċezzjonali lill-Gżejjer Maltin. Bħal snin oħra, il-'Kunsill Ċiviku — Balzan' kien mitlub jibgħat ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Din is-sena, il-Kunsill tagħna rrakkomanda lil dawn il-persuni:

Il-Professur Ġużè Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.), F.R.A.S.

Il-Kav. Dr. Paul Farrugia, M.D. (Genova).

Is-Sur Gabriel Caruana.

Kif tħabbar ftit taż-żmien ilu, fost il-persuni li lis-sena rċevew dan l-unur nsibu lill-Professur Ġużè Aquilina, li ġie mogħti l-Midalja tad-Deheb. Dan huwa ta' sodisfazzjon kbir għall-Kunsill Ċiviku tagħna u għall-poplu kollu ta' Ħal Balzan. Ta' min ifakkar li fis-snin imgħoddija, ewġ persuni oħra rrakkomandati mill-Kunsill Ċiviku tagħna ħadu l-Midalja tal-Meritu. Dawn huma s-Sur *Ġużè Cassar Pullicino M.L.A.*, u *Dr. Paul Cassar, B.Sc., M.D., D.P.M., F.R.His.S. (Lond)*, li ħadu l-Midalja tal-Fidda fl-1970 u fl-1971 rispettivament.



Nhar il-Ħadd, 22 t'Ottubru 1972, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan, saret l-Ordinazzjoni Solenni ta' tliet djakni minn Mons. Emm. Gerada, Isqof Koadjutur. It-tliet djakni ġodda — Rev. Lawrence Gauci (Mgarr), Rev. Edwin Parascondolo (B'Kara), u Rev. Vincent Costa (B'Kara) — għadhom kemm waslu mill-missjoni fil-Brażil, fejn huma għamlu l-istudju tagħhom tat-teoloġija. Wara li jordnaw saċerdoti, nhar il-Ħadd 17 ta' Diċembru 1972 fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, huma għandhom jerġgħu jmorru lura lejn il-Brażil sabiex jissuktaw jaħdmu fil-qasam tal-Mulej għall-ġid ta' l-erwieħ. Aħna nixtiequ kull ġid lil dawn it-tliet żgħażagħ u nwegħduhom it-talb tagħna.

AVVIŻ LILL-QARREJJA

Dawk kollha li jixtiequ jibagħtu kopji ta' din il-gazzetta lil qrabathom imsefrin u jixtiequ jeħilsu minn dan l-inkarigu, jistgħu jikkuntattjaw lis-Sur Anthony Fenech ('Miele', Triq il-Lunzjata, Ħal Balzan) jew lil xi membru ieħor tal-Kunsill.

ŻOMMU

ĦAL BALZAN

NADIF

Elite MENSWEAR
of South Street, Valletta



DRESS WEAR
HIRE SERVICE
FOR
FASHIONABLE
WEDDINGS
AND
SPECIAL OCCASIONS



We sell clothes too!
IN FACT WE ARE
THE EXCLUSIVE CENTRE
FOR MENSWEAR
JRP